# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 4 ta' Marzu 2020**

**Rikors Numru : 502/2019 JPG**
**Kawza Numru : 29**

**SC**
**vs**
**JV**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' SC, datat 6 ta' Novembru 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi huwa iżżewweġ lill-intimata JV fil-wieħed u għoxrin ( 21 ) ta' April tas-sena elf disa' mija u ħamsa u disgħin (1995) u dan skond ċertifikat taż-żwieġ anness u mmarkat Dokument A.*

*Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effettwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali in atti tan-Nutar Dottor Liza Camilleri tas-sitta (6) ta' Settembru tas-sena elfejn u erbgħa (2004) kopja ta' liema kuntratt hija annessa u immarkata Dokument B;*

*Illi l-partijiet baqgħu improle filwaqt li skond ma jirrizulta mill-kuntratt anness u mmarkat Dok B l-ebda waħda mill-partijiet ma talbet, qiegħda tirċievi jew obbligat ruħha li tħallas manteniment fil-konfront tal-parti l-oħra.*

*Illi għalhekk jirriżulta illi fid-data li fih qiegħed jiġi intavolat dan ir-rikors ikunu għaddew aktar minn erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali u ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni tal-partijiet;*

*Illi għalhekk jikkonkorru il-kriterji kollha rikjesti mil-liġi  għall-ħall taż-żwieġ u għad-divorzju tal-partijiet.*

*Għaldaqstant ir-rikorrenti SC jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti biex tiddikjara maħlul iż-żwieġ tiegħu ma' JV u li l-partijiet huma divorzjati għall-effetti kollha tal-liġi u tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien imholli għal daqshekk minn din il-Qorti,  jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

Illi **SC** xehed permezz ta' affidavit (fol 8) illi huwa iżżewweġ lil JV fil-21 ta' April tas-sena elf disa mija u ħamsa u disgħin. Inqalgħu problemi fiż-żwieġ u l-partijiet isseparaw permezz

ta' kuntratt ta' separazzoni in atti tan-Nutar Liza Camilleri. Xehed illi l-partijiet ilhom separati għal aktar minn erbatax-il sena. Illi minn dan iż-żwieġ ma twieldux tfal u ma kienx hemm obbligu fuq il-partijiet li jħallsu manteniment lil xulxin. Miż-żmien tas-separazzjoni 'l hawn, il-partijiet għandhom relazzjonijiet ma' terzi, u JV ukoll għandha żewġ itfal minn dik ir-relazzjoni Ma hemm ebda prospett ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet.

Illi **SC** xehed viva voce (fol 12) illi huwa iżewweġ lil JV fil-21 ta' April tas-sena elf disa' mija u ħamsa u disgħin. Illi minn dan iż-żwieġ ma twieldux tfal. Illi dan iż-żwieġ ma irnexxiex u l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni. Xehed ukoll illi mid-data tas-separazzjoni 'l hawn, ma kien hemm ebda rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet, u ma hemm l-ebda tama li din ir-rikonċiljazzjoni ssehh. Obbligu ta' manteniment fil-kuntratt ma kienx hemm.

Illi **JV** xehdet viva voce (fol 14) u ikkonfermat u ikkoraborat dak li xehed **SC** a fol 15 et seq tal-proċess.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih***

***preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-21 ta' April 1995 (Vide Dok A fol 5) u li minn dan iz-zwieg huma ma kellhomx tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Liza Schembri, datat 6 ta' Settembru 2004 (vide Dok. B fol 6 et seqq.tal-proċess) u ghalhekk ilhom legalment separati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirrizulta ukoll illi arretrati ta' manteniment ma hemmx, għaliex ma kien hemm ebda obbligu ghall-ħlas ta' manteniment;

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sodisfacentement pruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-attur irnexxilu jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**